

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 665/2007****ta' l-14 ta' Ġunju 2007****li jemenda r-rati ta' rifużjoni applikabbli għal ċertu prodotti tal-ħalib esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-ħalib u s-settur tal-prodotti tal-ħalib <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-rati tar-rifużjonijiet applikabbli mill-25 ta' Mejju 2007 għall-prodotti elenkati fl-Anness, esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat, kienu stipulati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 570/2007 <sup>(2)</sup>.

- (2) Mill-applikazzjoni tar-regoli u l-kriterji li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 570/2007 għall-informazzjoni bħalissa disponibbli lill-Kummissjoni jsegwi li r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni applikabbli bħalissa għandhom jiġu mmodifikati kif muri fl-Anness t'hawnhekk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rati ta' rifużjoni stipulati mir-Regolament (KE) Nru 570/2007 huma permezz ta' dan immodifikati kif muri fl-Anness t'hawnhekk.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Heinz ZOUREK

*Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija*

<sup>(1)</sup> ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

<sup>(2)</sup> ĠU L 133, 25.5.2007, p. 18.

## ANNEX

**rati ta' rifużjonijiet applikabbli mill-15 ta' Ġunju 2007 għal ċerti prodotti tal-ħalib esportati bħala merkanzija mhux koperta mill-Anness I tat-TRATTAT <sup>(1)</sup>**

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata ta' rifużjoni	
		Fil-każ ta' stipular ta' rifużjonijiet bil-quddiem	Oħrajn
ex 0402 10 19	Ħalib tat-trab, imrammel jew fforom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' hlewviet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbix il-1,5 % (PG 2):		
	(a) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 3501	—	—
	(b) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija oħra	0,00	0,00
ex 0402 21 19	Ħalib tat-trab, imrammel jew fforom oħra solidi, li m'għandhomx zokkor jew tipi ta' hlewviet oħra miżjuda, li għandhom piż ta' xaħam li ma jaqbix is-26 % (PG 3):		
	(a) Fejn merkanzija mħallta, bħala prodotti assimilati għal PG 3, butir bi prezz imraħħas jew krema miksuba insegwitu għar-Regolament (KE) Nru 1898/2005 huma esportati	0,00	0,00
	(b) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija oħra	0,00	0,00
ex 0405 10	Butir, li għandu piż ta' xaħam ta' 82 % (PG 6):		
	(a) Fejn prodotti li jkollhom butir bi prezz imraħħas jew krema li għet prodotta bi qbil mal-kondizzjonijiet ipprovduti għalihom fir-Regolament (KE) Nru 1898/2005 huma esportati	0,00	0,00
	(b) Fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-kodiċi NM 2106 90 98 li jkollhom 40 % jew iżjed skond il-piż ta' xaħam tal-ħalib	0,00	0,00
	(c) Fuq l-esportazzjoni ta' prodotti oħra	0,00	0,00

<sup>(1)</sup> Ir-rati stabbiliti f'dan l-Anness m'humiex applikabbli għall-esportazzjonijiet lejn l-Andorra, Ġibilterra, Ceuta, Melilla, is-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan), il-Liechtenstein, il-gvern lokali ta' Livigno u Campione d'Italia, il-Heligoland, il-Groelandja, il-Gżejjer Faeroe u l-Istati Uniti ta' l-Amerka u għall-prodotti mniżżla fit-Tabelli I u II tal-Portokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 esportati lejn il-Konfederazzjoni Żvizzera.